

Brussell, 22 ta' Ġunju 2022
(OR. en)

10592/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0192(COD)

AGRI 286
AGRIFIN 60
CODEC 989

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	22 ta' Ġunju 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 296 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 fir-rigward tal-bdil tan-Network dwar Informazzjoni tal-Kontabilità Agrikola f'Network tad- <i>Data</i> dwar is-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 296 final.

Mehmuż: COM(2022) 296 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.6.2022
COM(2022) 296 final

2022/0192 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 fir-rigward tal-bdil tan-
Network dwar Informazzjoni tal-Kontabilità Agrikola f'Network tad-*Data* dwar is-
Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli**

{SWD(2022) 166 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

L-att bażiku tan-Network dwar Informazzjoni tal-Kontabilità Agrikola (FADN) (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009) għandu jiġi emendat kif speċifikat fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 bit-titolu "Strateġija Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent" (F2F) u l-pjan ta' azzjoni tagħha. Il-Kummissjoni ħabbret l-intenzjoni tagħha li tibdel in-Network dwar Informazzjoni tal-Kontabilità Agrikola (FADN) f'Network tad-Data dwar is-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli (FSDN).

L-FADN huwa sors uniku ta' *data* mikroekonomika u tal-kontabilità li kull sena tiġi minn aktar minn 80 000 azjenda agrikola tal-UE. Dan ippermetta l-valutazzjoni tas-sitwazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji tal-azjendi agrikoli mill-1965. Il-Kummissjoni tipprovdi l-metodoloġija armonizzata u l-kwestjonarju komuni, filwaqt li l-Istati Membri jiġbru, jivverifikaw u jissottomettu d-*data*. L-FSDN se jżid ma' dik id-dimensjoni ambjentali u soċjali.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika

Id-*data* u l-informazzjoni fil-livell tal-azjendi agrikoli jridu jkunu affidabbli u ta' kwalità għolja biex dawk li jfasslu l-politika, il-bdiewa u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jkunu jistgħu jieħdu deċizzjonijiet xierqa bbażati fuq l-evidenza.

L-FADN ġie meqjus bħala għodda effiċjenti u adegwata biex jinġabru varjabbli ambjentali u soċjali addizzjonali fil-livell tal-azjendi agrikoli minbarra varjabbli ekonomiċi u relatati mal-introjt li qed jinġabru bħalissa.

Fil-livell tal-UE, tinġabar ċerta *data* fil-livell tal-azjendi agrikoli fir-rigward tal-ħtiġijiet tal-politika tal-PAK, pereżempju:

- (1) L-*Istatistika Integrata tal-Azjendi Agrikoli (IFS)*¹ għandha l-għan li tipprovdi *data* komparabbli dwar l-azjendi agrikoli tal-UE. Id-*data* mill-azjendi agrikoli kollha tinġabar kull 10 snin (*data* taċ-ċensiment) u permezz ta' sħarriġ ta' kampjuni intermedji kull 3 jew 4 snin. L-Istati Membri jiġbru informazzjoni minn azjendi agrikoli individwali u d-*data* tintbagħat lill-Eurostat. L-informazzjoni miġbura tkopri: l-użu tal-art, l-għadd ta' bhejjem, l-iżvilupp rurali, il-ġestjoni u l-input tax-xogħol tal-azjendi agrikoli (inklużi l-età, il-ġeneru u r-relazzjoni mad-detentur tal-azjenda agrikola). Ir-riżultati aggregati huma ppreżentati pubblikament. L-aċċess għad-*data* individwali tal-azjendi agrikoli huwa ristrett. L-IFS tipprovdi bażi għall-estrapolazzjoni tad-*data* tal-FADN.
- (2) Is-*Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll*² (SIK) tal-PAK hija stabbilita għall-amministrazzjoni u l-kontroll tal-pagamenti lill-bdiewa. Is-sistema tapplika għall-iskemi kollha ta' appoġġ għall-introjt (kemm jekk obligatorji kif ukoll jekk

¹ Ir-Regolament (UE) 2018/1091 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar l-istatistika integrata tal-azjendi agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1166/2008 u (UE) Nru 1337/2011 (ĠU L 200, 7.8.2018, p. 1–29).

² Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549–607).

le) kif ukoll għal ċerti miżuri ta' appoġġ għall-iżvilupp rurali li jingħataw abbażi tal-għadd ta' ettari jew annimali miżmuma mill-bidwi. Fost l-oħrajn, il-bażi tad-*data* tas-SIAK tikkonsisti fl-informazzjoni li ġejja: identifikazzjoni tal-irqajja' agrikoli kollha fl-UE (sistema ta' identifikazzjoni tal-irqajja' tal-art LPIS), bażi tad-*data* kompjuterizzata għall-annimali fil-pajjiżi tal-UE fejn japplikaw skemi ta' għajjnuna bbażati fuq l-annimali³.

- (3) Ir-regolament ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li ġej⁴ se jipprovdi li ċerta *data* fil-livell tal-azjendi agrikoli individwali tinġabar fil-livell tal-UE għall-finijiet ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-PAK flimkien mad-*data* tal-qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-PAK (CMEF) li tkun fil-livell nazzjonali u xi drabi fil-livell reġjonali. L-Istati Membri se jipprovdu lill-Kummissjoni ċerta *data* dwar il-benefiċjarji tal-PAK b'mod armonizzat.

Il-bażijiet tad-*data* kollha msemmija hawn fuq ġew stabbiliti għal finijiet differenti u ma jiġbrux kompletament l-istess *data* u informazzjoni. Madankollu, hemm potenzjal li dawn il-bażijiet tad-*data* (u oħrajn) jiġu interkonnessi mad-*data* tal-FSDN. Is-SIAK u l-bażi tad-*data* ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-PAK li ġejja b'*data* fil-livell tal-azjendi agrikoli individwali jinkludu ID tal-benefiċjarju tal-PAK stabbilita sew. Il-leġiżlazzjoni sekondarja tal-FSDN se tesplora l-possibbiltà li d-*data* tal-azjendi agrikoli tiġi konnessa mal-ID tal-benefiċjarju tal-PAK biex tippermetti l-iskambju tal-informazzjoni bejn dawn il-bażijiet tad-*data* – din ir-rabta fil-prattika tista' tiżvela li hija kumplessa biex tiġi stabbilita, peress li l-ID tal-benefiċjarju mhux dejjem tikkorrispondi għal azjenda agrikola (unika). Għalhekk, l-FSDN qed jippjana li jintroduċi ID unika tal-azjendi agrikoli, li tista' tiġi introdotta, pereżempju, taħt l-IFS u tgħin biex tinholq rabta bejn id-*data* tal-IFS u tal-FSDN. Ikunu meħtieġa adattamenti (jew għall-att legali, għas-sistema jew għall-metodi ta' ġbir) għall-fini tal-kollegament ta' bażijiet tad-*data* taħt kull bażi tad-*data*. Għalhekk, anke jekk l-FSDN jipprovdi l-possibbiltà għall-interoperabbiltà, bażijiet tad-*data* u sistemi oħrajn jridu jirriflettu dan.

• **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proċess għall-emendar tad-Direttiva 2009/128/KE (id-Direttiva SUD)⁵ għadu għaddej. Il-proposta tal-Kummissjoni għandha l-għan li, fost l-oħrajn, tistabbilixxi reġistrazzjoni elettronika ta' ċerta informazzjoni kemm dwar l-użu tal-pestiċidi kif ukoll dwar miżuri mhux kimiċi għall-protezzjoni tal-għelejjel minn utenti professjonali (inklużi l-bdiewa). Fil-futur, jekk tiġi adottata l-leġiżlazzjoni, din id-*data* tista' tipprovdi bażi għall-estrapolazzjoni tad-*data* tal-FSDN dwar il-pestiċidi. L-Att dwar il-Governanza tad-*Data* ([COM/2020/767](#)) u [l-Att propost dwar id-*Data*](#) (attwalment taħt proċess legali) jistgħu jifflu toroq li għandhom jiġu esplorati mill-att legali propost, b'mod partikolari fir-rigward ta' metodoloġiji ġodda għall-ġbir ta' *data* u sorsi ġodda ta' *data* f'konformità mal-għan li jitnaqqsu l-kostijiet għall-bdiewa u għall-Istati Membri.

³ https://ec.europa.eu/info/food-farming-fisheries/key-policies/common-agricultural-policy/financing-cap/financial-assurance/managing-payments_en

⁴ Skont ir-Regolament (UE) Nru 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u l-għoti ta' informazzjoni għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni

⁵ Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71).

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

L-Artikolu 43(2) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea jipprovdi l-bażi ġuridika għad-dispożizzjonijiet meħtieġa biex jintlaħqu l-oġettivi tal-PAK.

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika peress li l-proposta ma taqax taħt il-kompetenza esklużiva tal-UE.

Abbażi tan-network tad-*data* stabbilit sew tal-FADN, l-FSDN se jkun għodda utli u effiċjenti li tippermetti lill-UE tikkontribwixxi għall-oġettivi tal-PAK u tagħmel disponibbli *data* u informazzjoni ekonomiċi, ambjentali u soċjali fil-livell tal-azjendi agrikoli għall-Istati Membri kif ukoll għall-UE. Bħall-FADN, l-FSDN se jipprovdi sħarriġ komuni u armonizzat biex tinġabar id-*data* fil-livell tal-azjendi agrikoli u biex id-*data* tkun komparabbli fil-livell tal-UE.

Il-proposta għal dan ir-Regolament ġiet abbozzata sabiex tappoġġa kif ukoll tillimita l-piż kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-bdiewa, filwaqt li tiżgura aħjar il-kwalità u l-komparabbiltà tad-*data* fil-livell tal-azjendi agrikoli tal-FSDN.

Il-kriterji ewlenin għad-*data* tal-FSDN (inklużi dawk ekonomiċi, ambjentali u soċjali) jinkludu l-konsistenza u l-komparabbiltà. L-Istati Membri ma jistgħux jiksibu l-konsistenza u l-komparabbiltà meħtieġa mingħajr qafas Ewropew ċar, jiġifieri leġislazzjoni tal-UE li tistabbilixxi d-definizzjonijiet komuni, il-formati tar-rapportar u r-rekwiżiti tal-kwalità.

L-oġettivi ma jistgħux jintlaħqu għalkollox jekk l-Istati Membri jaġixxu wehidthom. L-azzjoni tkun aktar effettiva jekk tittieħed fil-livell tal-UE, abbażi ta' att legali tal-UE li jiżgura l-komparabbiltà tal-informazzjoni u tad-*data* fl-oqsma tal-PAK koperti mill-att propost. Il-ġbir ta' *data* nnifsu, sadanittant, isir l-aħjar mill-Istati Membri.

• Proporzjonalità

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità, peress li se tiżgura l-kwalità u l-komparabbiltà tad-*data* ekonomika, ambjentali u soċjali tal-FSDN fil-livell tal-azjendi agrikoli miġbura u kkompilata bl-applikazzjoni ta' approċċi armonizzati madwar l-Istati Membri. Bl-istess mod, se tiżgura li n-network jibqa' rilevanti u adattat biex iwieġeb għall-ħtiġijiet tal-PAK. Flimkien mal-interoperabbiltà, ir-Regolament se jagħmel il-ġbir u l-użu tad-*data* fil-livell tal-azjendi agrikoli aktar kosteffettivi filwaqt li jirrispetta l-karatteristiċi speċifiċi tas-sistemi tal-Istati Membri.

F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, ir-Regolament propost jillimita ruħu għar-rekwiżiti minimi biex jinkiseb l-oġettiv tiegħu u ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ għal dak l-iskop.

• Għażla tal-istrument

Strument propost: Regolament.

Minħabba l-oġettivi u l-kontenut tal-proposta, emenda fir-Regolament eżistenti hija l-aktar strument xieraq.

Il-politiki ewlenin tal-UE bħall-PAK jiddependu fuq *data* komparabbli, armonizzata u ta' kwalità għolja fil-livell tal-azjendi agrikoli disponibbli fil-livell Ewropew. Dawn jistgħu jiġu żgurati bl-aħjar mod permezz ta' regolamenti, li huma japplikaw direttament fl-Istati Membri u ma hemmx bżonn li l-ewwel jinbidlu f'liġi nazzjonali.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Ma twettqet l-ebda evalwazzjoni sħiħa għas-sistema FADN minħabba n-natura teknika ħafna tal-inizjattiva. Madankollu, hemm studji xjentifiċi u proġetti ta' riċerka⁶ li jipprovdu valutazzjonijiet relatati mal-kostijiet tal-ġbir ta' *data* tal-FADN, li jindikaw prattiki tajbin fl-Istati Membri, kif ukoll valutazzjonijiet tal-kostijiet tal-estensjoni tal-ambitu tal-FADN għad-dimensjonijiet ambjentali u soċjali.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-bidla fl-FSDN tat bidu għal attivitajiet ta' konsultazzjoni differenti⁷ li kienu mmirati lejn it-tliet gruppi ewlenin identifikati kollha ta' partijiet ikkonċernati: (1) il-fornituri tad-*data*, (2) dawk li jiġbru d-*data* u (3) l-utenti tad-*data*⁸.

Wara diversi konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, jidher li b' mod ġenerali l-gruppi kollha tal-partijiet ikkonċernati huma fil-biċċa l-kbira favur l-inizjattiva tal-FSDN u li jiżdedu aspetti soċjali u ambjentali mad-*data* ekonomika miġbura fl-FADN. Filwaqt li ġie espress appoġġ qawwi għall-ġbir ta' *data* fil-livell tal-azjendi agrikoli fl-FSDN għall-valutazzjoni tas-sostenibbiltà ekonomika tal-biedja flimkien mas-sostenibbiltà ambjentali u soċjali, xi risponenti qiesu li l-isforz tal-ġbir ta' *data* jeħtieġ li jinqasam bejn l-utenti differenti u li l-piż amministrattiv tal-fornituri tad-*data* u ta' dawk li jiġbru d-*data* jenħtieġ li jkun limitat. Sabiex jiġi l-limitat il-piż amministrattiv fuq il-bdiewa u dawk li jiġbru d-*data*, il-Kummissjoni introduċiet il-kunċett ta' "ġbir ta' *data* ta' darba u l-użu tagħha għal diversi drabi" għal kondiviżjoni aħjar tad-*data* bejn l-amministrazzjonijiet, l-awtoritajiet tal-istatistika u l-korpi privati. Il-Kummissjoni għandha wkoll l-għan li tikkontribwixxi għall-kostijiet inizjali tal-aġġustamenti tal-Istati Membri fil-proċess ta' bilda tal-FSDN.

Il-fornituri tad-*data* u dawk li jiġbru d-*data* esprimew tħassib dwar il-privatezza tad-*data* pprovduta, u n-nuqqas ta' rieda possibbli mill-bdiewa li jikkondividu tali informazzjoni. Għalhekk, fil-proposta leġiżlattiva, il-Kummissjoni saħħet ir-regoli individwali dwar il-protezzjoni tad-*data*.

⁶ Eżempji huma pprovduti hawn taħt, fit-taqsimha "Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni".

⁷ 1) il-Pjan Direzzjonali (kien disponibbli fuq [Semma' Leħnek, tas-sit web Europa](#) mill-4 ta' Ġunju sal-4 ta' Lulju. B' mod ġenerali, waslu 33 tip ta' feedback.), 2) konsultazzjoni mmirata bil-miktub permezz ta' stħarriġ tal-UE (sar kwestjonarju online matul is-sajf tal-2021 b' aktar minn 300 tweġiba li waslu), 3) il-workshops tal-partijiet ikkonċernati tal-FSDN (l-ewwel workshop fi Frar 2021 bl-għan li jitqiesu l-għarfien u l-esperjenza tal-partijiet ikkonċernati fir-rigward tal-ġbir u l-użu ta' *data* differenti fil-livell tal-azjendi agrikoli. It-tieni workshop (Settembru 2021) serva biex jiġu diskussi l-eżiti tal-Pjan Direzzjonali u l-attivitajiet ta' konsultazzjoni mmirati u biex isir skambju dwar proposti konkreti ta' simplifikazzjoni u modernizzazzjoni) kif ukoll 4) il-laqgħat tal-kumitati tal-FADN (April u Ottubru 2021 mar-rappreżentanti tal-Aġenziji kollha ta' Kollegament tal-Istati Membri) u 5) tliet laqgħat speċifiċi tal-Gruppi ta' Ħidma (dwar is-simplifikazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-FADN; dwar l-FSDN futur u dwar l-għodda tal-FADN ta' talba għal *data* individwali) bil-laqgħat li saru mir-rebbiegħa tal-2021 sar-rebbiegħa tal-2022, 20 espert tal-Istati Membri u diversi membri tal-persunal tal-Kummissjoni ddiskutew is-suġġetti relatati mal-FADN u l-FSDN).

⁸ (1) *fornituri tad-data* (bdiewa), (2) *dawk li jiġbru d-data* (awtoritajiet pubbliċi responsabbli għall-ġbir ta' *data*, għas-sottomissjoni u għall-aċċess għad-*data* amministrattiva fl-Istati Membri tal-UE (eż. l-awtoritajiet tal-Istati Membri, l-uffiċċji ta' Kollegament tal-FADN, l-Istituti Nazzjonali tal-Istatistika) u (3) *l-utenti tad-data* (eż. dawk li jfasslu l-politika, il-konsulenti tal-azjendi agrikoli, l-akkademiċi, ir-riċerkaturi, l-evalwaturi, il-konsulenti).

Dawk li jiġbru d-*data* qasmu t-tfassib tagħhom dwar in-nuqqas ta' rieda tal-bdiewa li jinvolvu ruħhom fl-eżerċizzji tal-ġbir ta' *data*, problemi fir-reklutaġġ ta' azjendi agrikoli ġodda u telf ta' azjendi agrikoli parteċipanti. Il-Kummissjoni, fl-inizjattiva tagħha tal-FSDN, tipproponi u tteġġeg l-għoti ta' feedback lill-bdiewa (eż. permezz ta' pariri mfassla apposta, rapporti dwar il-prestazzjoni/il-parametru referenzjarju) kif ukoll l-għoti ta' obbligu għall-bdiewa li jwieġbu għall-istħarriġ tal-FSDN, kif inhu l-każ għall-istħarriġ statistiku.

Il-bieċa l-kbira tal-fornituri tad-*data* esprimew l-opinjoni tagħhom li r-riċeviment ta' kumpens finanzjarju għall-parteeipazzjoni fil-ġbir ta' *data* tal-FSDN ikun rilevanti għalihom. Fl-inizjattiva, il-Kummissjoni tipproponi possibbiltà għall-Istati Membri li jstabbilixxu inċentivi differenti għall-parteeipazzjoni tal-bdiewa fin-network tad-*data*, inklużi kontribuzzjonijiet finanzjarji.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Sabiex titħejja l-proposta tal-FSDN, ġew ikkonsultati l-membri tal-Kumitat tal-FADN kif ukoll il-Gruppi ta' Ħidma speċifiċi.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Minħabba n-natura teknika ħafna tal-inizjattiva u l-għażla limitata ta' politika għall-Kummissjoni, ma tqiesx li kienet meħtieġa valutazzjoni tal-impatt. Il-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-proposti leġislattivi tal-2018 għall-PAK ta' Wara l-2020 identifika l-ħtieġa li jiġu adattati u msaħħa s-sorsi tad-*data* eżistenti biex jaqblu aħjar mal-politika l-ġdida, kif ukoll il-ħtieġa li tittejjeb il-kwalità tad-*data* speċjalment fir-rigward ta' indikaturi marbuta mal-agroambjent, il-bijodiversità u l-klima. Il-valutazzjoni tal-impatt issuġġeriet ukoll l-espansjoni tal-kopertura tal-FADN biex tiġi pprovduta l-aħjar rappreżentanza possibbli ta' azjendi agrikoli orjentati lejn is-suq. Din speċifika ukoll li tista' tkun meħtieġa revizzjoni għall-varjabbli fil-prospett tal-azjendi agrikoli (filwaqt li jitqiesu wkoll ir-rakkomandazzjonijiet tal-proġett FLINT⁹) u għall-mod kif tiġi organizzata l-parteeipazzjoni tal-benefiċjarji tal-PAK fil-ġbir ta' *data* tal-FADN.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Għall-bidla tal-FADN fl-FSDN, is-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piż ġew meqjusin bħala komponent ċentrali tal-inizjattiva, flimkien mas-sostenibbiltà. L-għan kien li jiġu identifikati l-oqsma li fihom il-metodi tal-ġbir ta' *data* jistgħu jiġu ssimplifikati u l-kostijiet jitnaqqsu kif xieraq.

L-ewwel nett, irid jiġi rikonoxxut li l-metodi tal-ġbir ta' *data* jvarjaw ħafna bejn l-Istati Membri, peress li jistgħu jagħżlu l-aktar metodu xieraq tagħhom għall-ġbir ta' *data* fil-livell tal-azjendi agrikoli tal-FADN. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda ħarsa ġenerali dettaljata lejn il-metodu/i tal-ġbir ta' *data* ta' kull Stat Membru flimkien ma' ħarsa ġenerali dettaljata lejn il-kostijiet u l-piżijiet. Għalhekk, l-aktar studji u proġetti riċenti (il-ħarsa ġenerali tagħhom hija elenkata hawn taħt) kif ukoll l-eżiti rilevanti mill-attivitajiet ta' konsultazzjoni ġew ikkunsidrati għal dan l-eżerċizzju ta' simplifikazzjoni u tnaqqis tal-piż. Abbażi tagħhom, ċerti perkorsi ta' simplifikazzjoni u tnaqqis tal-piż huma proposti aktar 'l isfel. Madankollu, fl-aħħar mill-aħħar, se jkun f'idejn l-Istati Membri li jagħżlu l-aktar perkors/i xieraq/xierqa flimkien mal-metodu/i għall-ġbir ta' *data* tal-FSDN għall-ġbir ta' varjabbli ambjentali u soċjali addizzjonali.

⁹ LEI- WUR et al. (2016) Farm Level Indicators for New Topics in policy evaluation project (FLINT), proġett iffinanzjat taħt l-FP7

1. L-istudju “Cost of and good practices for FADN data collection” sar u ġie ppubblikat fl-2015¹⁰. L-għan ewlieni ta’ dan l-istudju kien li jiġu eżaminati l-metodi u l-kostijiet fl-Istati Membri għall-ġbir ta’ *data* tal-FADN, filwaqt li jitqies l-użu tad-*data* għall-benefiċċji tal-bdiewa parteċipanti kif ukoll fi tfassil aħjar tal-politika. Ir-riżultati ta’ dan l-istudju jikkonfermaw li ma hemm l-ebda metodu uniformi għall-ġbir ta’ *data* tal-FADN; l-Istati Membri jagħżlu l-mod tagħhom ta’ kif jiġbru d-*data*. B’rizzultat ta’ dan, il-kostijiet tal-ġbir ta’ *data* tal-FADN ivarjaw ħafna bejn l-Istati Membri¹¹. L-istudju jipprovdi tliet fatturi ewlenin tad-differenza fil-kostijiet:

- 1) l-iskala u d-daqs tal-kampjun tal-FADN (eż. Malta tiġbor *data* minn 536 azjenda agrikola, filwaqt li l-Polonja minn 12 100),
- 2) il-metodi differenti applikati għall-ġbir tad-*data* tal-FADN (eż. id-*data* miġbura direttament mill-aġenzija ta’ kollegament tal-FADN jew permezz ta’ kumpaniji privati tal-kontabilità reklutati) u
- 3) il-fatturi esterni bħal livelli differenti ta’ pagi bejn l-Istati Membri u d-daqsijiet medji differenti ta’ azjendi agrikoli fil-qasam ta’ osservazzjoni tal-FADN.

L-għażla tal-metodoloġija għall-ġbir ta’ *data* tista’ tpaċi, tal-anqas sa ċertu punt, il-kostijiet ogħla li jirriżultaw minn livelli ta’ pagi akbar u minn skala akbar tal-azjendi agrikoli. L-aktar forma effiċjenti ta’ ġbir ta’ *data* f’termini ta’ kost pubbliku hija minn kontijiet eżistenti (li ġew prodotti b’kost privat). Fl-istess ħin, dan il-metodu jidher li huwa l-inqas flessibbli. Meta d-*data* ambjentali u soċjali ma tkunx disponibbli skont il-kontijiet eżistenti, il-metodu għall-ġbir ta’ *data* għall-FSDN jista’ jkun jeħtieġ aġġustamenti jew bidliet. Fl-aħħar nett, l-istudju jispeċifika li ż-żieda jew it-tħassir ta’ varjabbli żejjed ma għandux impatt kbir fuq il-proporzjon tal-kostijiet totali tal-ġbir tad-*data* għal kull għadd ta’ varjabbli. Bil-qafas tas-sistema stabbilit, il-kostijiet annwali huma l-aktar kostijiet fissi (relatati mal-istabbiliment u t-twettiq tal-istħarriġ, inklużi r-riżorsi umani, it-taħriġ, is-sistema tal-IT) u kostijiet varjabbli speċifiċi (eż. l-aġġornament tal-istruzzjonijiet, iż-żieda ta’ kodiċi speċifiku) huma minuri.

2. Il-proġett ta’ riċerka FLINT¹² iddefinixxa indikaturi fil-livell tal-azjendi agrikoli biex tittejjeb l-valutazzjoni ta’ politiki dwar (fost l-oħrajn) il-kundizzjonalità, is-sostenibbiltà u l-innovazzjoni fil-PAK. Il-ġbir ta’ *data* dwar dawn l-indikaturi kien marbut mal-FADN f’network pilota f’diversi pajjiżi Ewropej. Ir-riżultati ta’ dan il-proġett 1) jikkonfermaw li s-sistema bbażata fuq l-FADN hija għodda effiċjenti u xierqa għall-ġbir ta’ *data* ambjentali u soċjali addizzjonali fil-livell tal-azjendi agrikoli; 2) tipprovdi bażi ta’ evidenza xjentifika soda flimkien ma’ listi ta’ varjabbli ġodda possibbli, eżempji ta’ kif tinġabar id-*data* għal dawn il-varjabbli l-ġodda, u tidentifika l-ostakli għall-implimentazzjoni¹³ u l-benefiċċji analitiċi¹⁴.

¹⁰ https://ec.europa.eu/info/food-farming-fisheries/key-policies/common-agricultural-policy/cmef/regulation-and-simplification/cost-and-good-practices-fadn-data-collection_en

¹¹ Skont l-istudju, il-kost pubbliku totali għall-baġit tal-Istati Membri għall-EU-28, b’medja għall-perjodu bejn l-2012 u l-2014, kien ta’ ftit aktar minn EUR 58 miljun. Fil-livell tal-EU-28, il-livell tal-kost medju (ponderat) huwa ta’ EUR 678 għal kull Prospett tal-Azjendi Agrikoli mitmum, iżda b’varjazzjoni konsiderevoli bejn l-Istati Membri, li tvarja minn medja (2012-14) ta’ EUR 107 fil-Bulgarija u EUR 156 fir-Rumanija, sa EUR 2 905 fil-Belġju.

¹² FLINT (Indikaturi fil-Livell tal-Azjendi Agrikoli għal Suġġetti Ġodda fil-Valutazzjoni ta’ Politiki): <https://www.flint-fp7.eu/>

¹³ Bottlenecks in implementation of FLINT: significant increase in costs if all indicators are to be implemented. Sabiex ikun hemm kumpens, waħda mis-soluzzjonijiet possibbli tkun li l-kampjun jitnaqqas minn 85,000 azjenda agrikola għal 55,000 azjenda agrikola. Dan tal-aħħar jirriżulta fi stimi mhux affidabbli f’xi Stati Membri. Ostaklu ieħor huwa l-applikazzjoni ta’ metodi differenti fil-ġbir ta’ *data* fil-livell tal-azjendi agrikoli fl-Istati Membri, li għal xi Stati Membri (l-aktar fejn ikunu involuti l-kumpaniji tal-kontabilità) jidher li huwa aktar diffiċli u/jew għali li jiddiedu varjabbli addizzjonali.

3. L-istudju dwar il-kostijiet tal-estensjoni tal-FADN għall-FSDN¹⁵ huwa aġġornament ta' żewġ studji deskritti qabel. Dan jipprovdni analiżi ta' xi kostijiet addizzjonali taż-żieda ta' "data tal-FLINT¹⁶" mas-sett ta' data attwali tal-FADN. Dan jistma li l-kost medju tal-UE tal-ġbir ta' data tal-FADN huwa ta' EUR 750 għal kull prospett tal-azjendi agrikoli, filwaqt li l-kostijiet tal-estensjoni fl-FSDN (billi tiżdied id-data kollha tal-FLINT) iżidu l-kostijiet għal EUR 1 040 għal kull prospett tal-azjendi agrikoli, jiġifieri żieda ta' madwar 40 %. Dan l-istudju kkonferma r-riżultati tal-istudju tal-2015 li juri differenzi kbar bejn il-pajjiżi għall-kostijiet attwali tal-FADN tal-ġbir ta' data kif ukoll il-kostijiet addizzjonali mistennija marbuta mal-bidla tal-FSDN. L-istudju kkonferma wkoll li ċerti Stati Membri diġà ġabru ċerti varjabbli dwar is-sostenibbiltà prevista għall-FSDN, filwaqt li oħrajn għadhom ma għamlux hekk, u għalhekk jistgħu jiffaċċjaw kostijiet inizjali oġhla. Għalhekk, in-nefqa totali tal-ġbir ta' data ma hijiex direttament komparabbli bejn l-Istati Membri. Fl-aħħar mill-aħħar, il-bidliet stmati fil-kostijiet juru firxa wiesgħa, minn pajjiżi bħall-Irlanda (+10 %) u n-Netherlands (+11 %) għal Franza (+124 %) u Malta (+225 %)¹⁷. Madankollu, irid jiġi miżjud, li dan il-kalkolu tal-kostijiet jinkludi ż-żieda tas-70 varjabbli kollha kif ipprovduti fil-proġett FLINT, filwaqt li l-bidla proposta fl-FSDN ma għandhiex l-għan li żżid sa 70 varjabbli u ż-żieda tal-varjabbli se tkun progressiva maż-żmien. L-ewwel nett, l-estensjoni fl-FSDN se tkun gradwali. It-tieni, skont l-istima inizjali, l-estensjoni tikkunsidra firxa minn 5 sa 25 varjabbli ġodda, li għandhom jiġu vvalutati aktar bl-analiżi li għaddejja għall-proġett pilota deskritt fil-punt 4 hawn taħt, u wkoll meta titqies l-evoluzzjoni tal-qafas legali wara l-istrateġija mill-Għalqa sal-Platt u l-istrateġija għall-Bijodiversità. Barra minn hekk, il-benefiċċji li jirriżultaw mill-proċess ta' simplifikazzjoni kif ukoll l-interkonnessjonijiet u l-kondiviżjoni tad-data ma' bażijiet tad-data oħrajn ma humiex ikkunsidrati fl-istudju. B'riżultat ta' dan, il-kostijiet ta' estensjoni tal-FSDN jistgħu jiġu stmati li huma ħafna inqas milli fl-istudju msemmi.

4. Proġett pilota li għaddej bħalissa¹⁸ se jwettaq analiżi u jipprovdni informazzjoni dettaljata dwar il-varjabbli tas-sostenibbiltà u s-sorsi tad-data tagħhom għal kull Stat Membru. Kif diġà ġie ddikjarat, il-metodi tal-ġbir ta' data jiddependu fuq l-għażla tal-Istat Membru. Għalhekk,

¹⁴ Il-benefiċċji analitiċi possibbli enfasizzati fil-proġett FLINT ikunu l-użu mill-ġdid ta' data/informazzjoni eżistenti, il-ġbir ta' data dwar is-sostenibbiltà jiddependi fuq ir-reġistrazzjoni sistemika li, f'perspettiva itwal, tnaqqas il-piż amministrattiv u żżid il-kwalità u fl-aħħar, data addizzjonali dwar is-sostenibbiltà tippermetti tipi aħjar u ġodda ta' evalwazzjoni u riċerka tal-politika.

¹⁵ Cost of Extending the Farm Accountancy Data Network to the Farm Sustainability Data Network: Empirical Evidence <https://edepot.wur.nl/551988>

¹⁶ Data tal-FLINT – lista ta' madwar 70 entrata ta' data speċifiċi biex jiġu deskritti 31 tema ta' sostenibbiltà rilevanti stabbiliti mid-dimensjonijiet ambjentali, ekonomiċi u soċjali

¹⁷ Il-kostijiet għal kull Stat Membru f'termini assoluti jvarjaw ukoll. Dawn huma influwenzati mill-metodoloġija applikata għall-ġbir ta' data, sa liema punt id-data tal-Flint tkun diġà parti mis-sistemi nazzjonali tal-FADN, mill-għadd ta' temi ta' indikaturi tal-Flint rilevanti fil-pajjiż (eż.: f'it li xejn hemm pestiċidi fuq għeġġel fil-kampjun Irlandiż tal-FADN fejn jiddominaw il-bhejjem), kif ukoll it-tip u d-daqs ta' azjenda agrikola partikolari. Barra minn hekk, il-kostijiet tal-istabbiliment huma kkunsidrati fl-istudju, iżda jvarjaw ħafna bejn l-Istati Membri. L-istudju jikklassifikaw lill-Istati Membri skont it-3 tipi li ġejjin: 1) bħala n-Netherlands/l-Irlanda: diġà hemm ħafna data disponibbli, id-data tal-FLINT tinġabar fl-istess proċess bħall-FADN; 2) bħala l-Polonja/l-Ungerija: ma hemmx ħafna data disponibbli, id-data tal-FLINT tinġabar fl-istess proċess bħall-FADN u 3) bħal Franza/il-Greċja: ma hemmx ħafna data disponibbli, id-data tal-FLINT tinġabar fi żjara ta' azjenda agrikola separata. Eżempji tal-kostijiet stmati għal ċerti Stati Membri (f'termini assoluti, EUR għal kull azjenda agrikola, fejn l-ewwel entrata hija l-kostijiet stmati tad-data attwali tal-FADN, it-tieni entrata – il-kostijiet ikkombinati tad-data tal-FADN u tal-FLINT) huma kif ġej: l-Irlanda (EUR 1000 u EUR 1104, rispettivament), in-Netherlands (EUR 3000 u EUR 3333), il-Polonja (EUR 656 u EUR 860), l-Ungerija (EUR 500 u EUR 566), Franza (EUR 500 u EUR 1119), il-Greċja (EUR 1273 u EUR 1910)

¹⁸ Il-proġett pilota IPM2-FSDN beda f'Diċembru 2021 u se jintemm f'Novembru 2023. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi huma disponibbli hawnhekk: <https://etendering.ted.europa.eu/document/document-file-download.html?docFileId=111485>

dan il-proġett pilota se jwassal valutazzjoni tal-metodu/i għall-ġbir ta' *data* applikati għall-ġbir ta' *data* dwar is-sostenibbiltà għal kull Stat Membru u juri kif dawn huma (jew jistgħu jkunu) marbuta mas-sistema tal-ġbir ta' *data* tal-FADN. Ir-riżultati se jiddeskrivu s-sitwazzjoni f'kull Stat Membru u se jipprovdu stima raġonevoli tal-piż amministrattiv u l-kostijiet relatati mal-ġbir ta' *data* tagħhom¹⁹. Dawn l-eżiti se jikkontribwixxu direttament għall-ħidma fuq il-leġiżlazzjoni sekondarja tal-FSDN.

Il-proposta tal-FSDN għandha l-għan li tnaqqas il-kostijiet u l-piż amministrattiv għall-bdiewa u għall-Istati Membri fil-perspettiva fit-tul. Abbażi tas-sejbiet u l-analiżi, jitqiesu l-elementi li ġejjin fil-proposta:

- (1) Nibnu fuq pedamenti tajbin. Il-ġbir ta' *data* dwar is-sostenibbiltà, kemm fi ħdan l-FADN kif ukoll barra minnu, se jiġġenera kostijiet. L-użu tas-sistema tal-FADN diġà stabbilita sew u tan-network tagħha huwa għażla aktar kosteffiċjenti għall-ġbir ta' *data* addizzjonali ambjentali u soċjali fil-livell tal-azjendi agrikoli biex tiġi vvalutata l-politika tal-UE, minflok ma tiġi stabbilita bażi tad-*data* separata u addizzjonali ġdida. Id-*data* ekonomika tal-FADN hija rekwiżit skont il-politika tal-UE. Għalhekk, il-kostijiet u l-piżijiet marbuta maż-żamma u mat-titjib tal-FADN se jkomplu jeżistu. Barra minn hekk, ir-riskju li titnaqqas ir-rilevanza ta' FADN purament ekonomiku jkun oġhla.
- (2) Bidliet maż-żmien. Il-bidla fl-FSDN hija proċess li se jieħu ż-żmien. Għalkemm huwa stmat li l-2025 hija l-ewwel sena tal-ġbir ta' *data* ġdida, l-għadd ta' varjabbli ġodda se jkun limitat għall-ewwel. L-istima inizjali tindika li l-għadd ta' varjabbli ġodda se jkun bejn 5 u 25.
- (3) L-interoperabbiltà tgħin. L-FSDN se jħeġġeġ l-użu mill-ġdid ta' *data* diġà disponibbli f'bażijiet tad-*data* u sorsi oħrajn (eż. rabtiet mas-SIAK, bażijiet tad-*data* rilevanti oħrajn tal-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika). F'perspettiva aktar fit-tul, dan se jnaqqas il-kostijiet tal-ġbir ta' *data* għall-Istati Membri, u fl-istess ħin inaqqas il-piż għall-bdiewa (jiġifieri l-ġbir ta' *data* dwar l-azjendi agrikoli ta' darba, l-użu tagħha għal diversi drabi).
- (4) L-użu ta' metodi moderni u diġitali għall-ġbir ta' *data*. L-FSDN se jippromwovi l-użu ta' għodod alternattivi, moderni u diġitali għall-ġbir ta' *data*. L-iskrinjar tas-simplifikazzjoni u tal-modernizzazzjoni tal-FADN wera ċerti oqsma ta' tnaqqis possibbli tal-kostijiet u tal-piżijiet bl-użu ta' għodod moderni (eż. marbuta mal-ġeolokalizzazzjoni). Barra minn hekk, il-ġbir ta' *data* mill-bogħod (eż. l-użu ta' satelliti u sensuri għall-kejl) u r-rabta tagħhom ma' *data* amministrattiva disponibbli oħra jistgħu jkomplu jnaqqsu il-kostijiet u l-piż kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-bdiewa (eż. se jiġu ffrankati l-kostijiet peress li se jkun meħtieġ inqas kuntatt mal-bdiewa, l-użu mill-ġdid ta' informazzjoni diġà disponibbli). Se ssir ħidma aktar dettaljata, meta l-leġiżlazzjoni sekondarja se tiġi rieżaminata.
- (5) Għażla li tinġabar kull sena jew perjodikament. L-inizjattiva tal-FSDN tippjana li tidistingwi bejn il-ġbir ta' *data* annwali u perjodiku (kull ftit snin), peress li xi varjabbli jista' ma jkunx meħtieġ li jinġabru kull sena. Għalhekk, b'dan l-approċċ se jiġu ffrankati xi kostijiet u huwa mistenni li perjodu ta' żmien itwal għall-ġbir perjodiku se jgħin biex dan il-ġbir ta' *data* jiġi ppjanat aħjar.

¹⁹ Huwa ppjanat riżultat interim importanti għal Ottubru 2022. Dan se jikkonsisti fl-iskrinjar tas-suġġetti ambjentali u soċjali fl-Istati Membri, is-sorsi tad-*data* tagħhom kif ukoll fit-twettiq ta' analiżi tal-metodi attwali għall-ġbir ta' *data* kif ukoll għas-suġġetti futuri tal-FSDN.

- (6) Appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri u lill-bdiewa. Il-baġit tal-UE diġà jikkontribwixxi għall-ġbir ta' *data* tal-FADN, permezz tat-tariffa standard tal-UE. Fir-rigward tal-FSDN, sabiex l-Istati Membri jġu megħjuna jkopru il-kostijiet inizjali minħabba l-bidla, huwa ppjanat li l-baġit tal-UE se jikkontribwixxi finanzjarjament għall-istabbiliment u l-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-Istati Membri. Barra minn hekk, sabiex il-bdiewa jġu inċentivati jipparteċipaw fin-network tad-*data*, l-Istati Membri se jitħallew iħallsu lill-bdiewa għall-ġoti tad-*data*. Fl-istess ħin, l-FSDN se jirrifletti r-regoli tal-istatistika fejn bidwi għandu obbligu li jwieġeb għal sħarriġ.

Fil-qosor, il-valutazzjoni msemmija hawn fuq turi li l-bidla fl-FSDN se toħloq kostijiet addizzjonali u xi piż²⁰, prinċipalment għall-Istati Membri, fil-perjodu qasir. Dawn huma prinċipalment marbuta mal-fażi inizjali tal-proċess ta' bidla, fejn ċerti modifiki fil-metodi tal-ġbir ta' *data* u/jew l-aġġustament tal-IT jistgħu jkunu meħtieġa f'xi Stati Membri. Madankollu, fil-perspettiva fit-tul, huwa meqjus li l-kostijiet u l-piżijiet se jonqsu kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-bdiewa.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ttejjeb il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali relatati mat-tiħiħ tar-regoli individwali dwar il-protezzjoni tad-*data*, filwaqt li ttejjeb il-konformità mal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-Artikolu 19 tar-Regolament 1217/2009 jispeċifika li l-baġit tal-UE jkopri l-kostijiet tal-IT tal-Kummissjoni kif ukoll il-kontribuzzjoni annwali (it-tariffa standard tal-UE) li tkopri parti mill-kostijiet tal-ġbir ta' *data* tal-Istati Membri. Huwa nnotat li matul l-aħħar 12-il sena, it-tariffa standard tal-UE żdiedet bi fti²¹. Madankollu, din iż-żieda ma koprietx bis-sħiħ l-inflazzjoni matul dak il-perjodu. Barra minn hekk, ġie vvalutat li l-kontribuzzjoni tal-UE tkopri biss sa 30 % tal-kostijiet tal-ġbir ta' *data* tal-Istati Membri²².

Fir-rigward tal-baġit tal-UE, il-proposta tal-FSDN għandha l-għan li testendi u temenda l-ambitu attwali billi:

- (1) tagħmel differenzjazzjoni tal-baġits għal sħarriġ regolari u speċjali,
- (2) tippermetti l-finanzjament tal-istabbiliment u l-modernizzazzjoni tas-sistemi ta' ġbir ta' *data* tal-FSDN tal-Istati Membri u l-aġġustamenti tal-IT tagħhom,
- (3) tinċentiva l-parteċipazzjoni tal-azjendi agrikoli billi l-Istati Membri jingħataw allokkazzjoni differenti tat-tariffi fir-rigward tal-valur standard tal-output tal-azjenda,

²⁰ Kif huwa speċifikat fl-analiżi, f'dak il-mument ma huwex possibbli li jġu pprovduti ċifri konkreti, peress li l-kostijiet ewlenin huma marbuta mal-aġġustamenti possibbli tal-metodu għall-ġbir ta' *data*. Il-metodi u l-kostijiet marbuta jvarjaw ħafna bejn l-Istati Membri. Il-proġett pilota IPM2-FSDN li għaddej bħalissa se jġib aktar informazzjoni u stimi dwar dak is-suġġett l-aktar kmieni fil-ħarifa tal-2022.

²¹ Fl-2010 kienu jammontaw għal EU 155 għal kull prospett tal-azjendi agrikoli, bħalissa (2022) għal EUR 180 għal kull prospett tal-azjendi agrikoli. Fil-fatt, mill-2015 hemm żewġ partijiet fit-tariffa, jġigifieri EUR 160 (parti fissa) + EUR sa EUR 20 (il-parti tal-bonusijiet, il-ħlas tagħha jiddependi fuq id-*data* tas-sottomissjoni f'waqtha u l-kwalità tagħha). Għas-sena mħallsa l-aħħar (2019), 14-il Stat Membru biss minn 28, irċewew ċerta parti mill-ħlas tat-tariffa tal-bonus.

²² Abbażi tal-valutazzjoni ta' xi Stati Membri, it-tariffa standard tal-UE tkopri l-kostijiet tal-ġbir ta' *data* tal-FADN: fid-Danimarka – 23,6 %, fil-Portugall – 30 %, fi Franza 29,5 %, fil-Polonja 22 %.

- (4) tippermetti li l-Istati Membri jistabilixxu inċentivi għall-parteċipazzjoni tal-bdiewa fin-network tad-*data* billi jipprovdu pereżempju kontribuzzjoni finanzjarja lill-bdiewa.

B'mod ġenerali, il-baġit tal-UE għall-FADN fl-2022 jammonta għal EUR 16,7-il miljun. Il-baġit tal-FSDN huwa pplanat li jiżdied sabiex ikopri l-estensjonijiet tal-ambitu msemmija hawn fuq. Madankollu, peress li l-ammont finali jiddependi ħafna mill-forma u mid-dettalji tal-leġiżlazzjoni sekondarja, l-ammont ma jistax jiġi vvalutat bis-sħiħ f'dan l-istadju.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-*evalwazzjoni* u r-rapportar**

Ir-regolament propost huwa mistenni li jiġi adottat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill mill-aktar fis possibbli, u l-Kummissjoni mistennija tadotta l-miżuri ta' implimentazzjoni f'tit wara. Ir-regolament se jkun japplika direttament fl-Istati Membri kollha mingħajr il-ħtieġa ta' pjan ta' implimentazzjoni.

L-Istati Membri se jkunu meħtieġa li jipprovdu *data* lill-Kummissjoni mill-2026 (għas-sena kontabilistika tal-2025).

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-Direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-emenda proposta tapplika għall-Artikoli 1, 2, 3, 4, 5, 5a, 5b, 6, 7, 8, 16, 17, 19, 19a, tar-Regolament (UE) 1217/2009, sabiex il-FADN jinbidel fl-FSDN billi jiġi estiż l-ambitu tal-ġbir ta' *data* biex tiġi koperta d-dimensjoni ambjentali u soċjali minbarra d-dimensjoni ekonomika; billi jiġi ssimplifikat u mmodernizzat is-sett ta' *data* attwali; billi l-bdiewa jiġu mmotivati jipparteċipaw fin-network tad-*data*; u billi l-Istati Membri jiġu meġġjuna fil-proċess tal-ġbir ta' *data* (eż. rabtiet interni ma' bażijiet tad-*data* rilevanti oħra, billi jiġi pprovdut kontribut għall-proċess ta' bidla).

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 fir-rigward tal-bdil tan-
Network dwar Informazzjoni tal-Kontabilità Agrikola f'Network tad-Data dwar is-
Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni²,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data,

Waqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) L-iżvilupp tas-settur agrikolu tal-Unjoni u tal-politika agrikola komuni jeħtieġ informazzjoni oġġettiva u rilevanti dwar il-prestazzjoni u s-sostenibbiltà tal-azjendi agrikoli tal-Unjoni. In-Network dwar Informazzjoni tal-Kontabilità Agrikola (FADN) kien ġie stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009³.
- (2) Fil-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni li tappoġġa l-proposti leġiżlattivi tal-2018 għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) ta' Wara l-2020⁴, ġiet identifikata l-ħtieġa li jittejjeb il-ġbir ta' *data* fil-livell tal-azjendi agrikoli.

¹ ĠU C , , p. .

² ĠU C , , p. .

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 tat- 30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi network għall-ġbir ta' informazzjoni tal-kontabilità dwar id-dħul u l-operazzjoni kummerċjali ta' azjendi agrikoli fil-Komunità Ewropea (ĠU L 328, 15.12.2009, p. 27).

⁴ SWD(2018) 301 final, Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni - Valutazzjoni tal-Impatt - Proposti għal

- Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li jridu jitfasslu mill-Istati Membri taħt il-Politika Agrikola Komuni (il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

- Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013

- Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli, (UE) Nru 1151/2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, (UE) Nru 251/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-

- (3) Fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 bit-titolu "Strateġija 'Mill-Għalqa sal-Platt' għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent" ("l-istrateġija mill-Għalqa sal-Platt"), il-Kummissjoni ħabbret l-intenzjoni tagħha li tibdel in-Network dwar Informazzjoni tal-Kontabilità Agrikola (FADN) f'Network tad-Data dwar is-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli (FSDN), bl-għan li tiġbor *data* fil-livell tal-azjendi agrikoli dwar is-sostenibbiltà. Il-bidla se tikkontribwixxi wkoll għat-titjib tas-servizzi ta' konsulenza lill-bdiewa u għall-valutazzjoni komparattiva tal-prestazzjoni tal-azjendi agrikoli.
- (4) Is-sostenibbiltà tal-azjendi agrikoli tiġi vvalutata fil-qafas tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, fuq tliet aspetti ewlenin: ekonomiċi, ambjentali u soċjali. Bħalissa tinġabar *data* prinċipalment biex jiġu vvalutati l-aspetti ekonomiċi tal-azjendi agrikoli, filwaqt li hemm bżonn li tiġi vvalutata s-sostenibbiltà ġenerali tal-azjenda, inkluża *data* ambjentali marbuta mal-ħamrija, l-arja, l-ilma u l-bijodiversità, kif ukoll *data* li tkopri d-dimensjoni soċjali tal-biedja. Il-bidla għall-FSDN se tippermetti l-valutazzjoni komparattiva tal-prestazzjoni tal-azjendi agrikoli meta mqabbla mal-medji reġjonali, nazzjonali u settorjali. Fir-rigward tad-*data* tal-kontabilità, il-kontijiet ta' azjendi agrikoli jikkostitwixxu s-sors bażiku għal kwalunkwe valutazzjoni tal-introjt tal-azjendi agrikoli jew studju tal-operat tan-negozju tagħhom. L-informazzjoni miġbura tista' tintuża wkoll biex jiġu pprovduti servizzi ta' konsulenza personalizzati u feedback lill-bdiewa bl-għan li tittejjeb is-sostenibbiltà tal-azjendi agrikoli.
- (5) Dawn l-oġettivi jistgħu jintlaħqu biss permezz ta' network tal-Unjoni għall-ġbir ta' *data* dwar is-sostenibbiltà tal-azjendi agrikoli (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ in-"network tad-*data*"), ibbażat fuq il-persuni eżistenti li jiġbru d-*data* f'kull Stat Membru, li għandhom il-fiduċja tal-partijiet ikkonċernati. L-Istati Membri jew l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli jenħtieġ li jagħmlu ħilithom biex jimmodernizzaw kemm jista' jkun il-modi tal-ġbir ta' *data*. Sabiex jitnaqqas il-piż għall-bdiewa u għal dawk li jiġbru d-*data*, bl-għan li tiġi evitata d-duplikazzjoni tat-talbiet għad-*data* u biex jissaħħaħ is-sett ta' *data* tal-FSDN, jenħtieġ li jiġi applikat il-prinċipju tal-ġbir ta' *data* ta' darba u l-użu mill-ġdid tagħha għal diversi drabi. Se tiġi kkunsidrata d-Direttiva dwar id-*Data* Miftuħa⁵. Jenħtieġ li jiġi promoss l-użu ta' soluzzjonijiet diġitali, inkluż l-użu mill-ġdid tad-*data* u l-kondiviżjoni tad-*data* ma' sorsi oħra. Jenħtieġ li jiġi previst li s-sistema bbażata esklużivament fuq l-uffiċċji tal-kontabilità agrikola tista' tiġi estiża bl-għan li jinġabru varjabbli ambjentali u soċjali u li l-ġbir ta' *data* jista' jkun ibbażat kemm fuq sħarriġ regolari kif ukoll speċjali skont il-ħtiġijiet informattivi.
- (6) Fir-rigward tal-qasam tal-istħarriġ stabbilit fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009, għandha tinżamm il-kriterja ewlenija tar-rappreżentanza tad-*data* tal-kontabilità u l-kriterji tal-għażla għal sħarriġ regolari, filwaqt li tiżdied aktar informazzjoni għall-aspetti l-oħra tas-sostenibbiltà u filwaqt li jitqies li l-istħarriġ li jirriżulta jista' ma jkunx rappreżentattiv fir-rigward tal-varjabbli ambjentali jew soċjali. Skont il-ħtiġijiet li għalihom tinġabar tali informazzjoni, jista' jiġi organizzat sħarriġ speċjali bi kriterji tal-għażla u b'perjodiċità differenti, inkluż sħarriġ *ad hoc* jew perjodiku (kull ftit snin).

indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzati, (UE) Nru 228/2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u (UE) Nru 229/2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura favur il-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew

⁵ Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku. PE/28/2019/REV/1.

- (7) Meta jibagħtu *d-data* għall-azjenda prospettanti fil-livell tal-Unjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu ID tal-azjenda agrikola biex tippermetti l-identifikazzjoni fil-livell tal-azjendi agrikoli bl-għan li tiġi żgurata l-kondiviżjoni tad-*data* fil-livell tal-Unjoni. Tali skambju ta' informazzjoni għandu l-għan li jtejjeb il-kapaċità li jiġu analizzati kwistjonijiet ta' sostenibbiltà.
- (8) F'każ li *d-data* individwali tiġi kondiviża mill-Kummissjoni jew mill-aġenziji ta' kollegament, huwa ta' importanza kbira li tiġi ggarantita l-protezzjoni tad-*data* u tingħata assigurazzjoni lill-bdiewa li *d-data* tagħhom u d-dettalji individwali l-oħra kollha miksuba skont dan ir-Regolament jiġu anonimizzati jew psewdonimizzati biex tiġi evitata l-identifikazzjoni tagħhom, li tkopri kemm persuni fiżiċi kif ukoll ġuridiċi.
- (9) Jenħtieġ li *d-data* tinġabar fil-livell tal-Istat Membru u jenħtieġ li tiġi psewdonimizzata bin-numru ta' identifikazzjoni. Jenħtieġ li *d-data* psewdonimizzata biss tintbagħat lill-Kummissjoni. Jenħtieġ li jiġi previst li l-aċċess għal din id-*data* jista' jiġi pprovdut biss lill-awtoritajiet kompetenti f'każijiet speċifiċi u f'konformità mad-dritt internazzjonali, tal-Unjoni u nazzjonali. Il-proċeduri li għandhom jiġu segwiti u l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati sabiex jinkiseb aċċess għad-*data* f'konformità mar-rekwiżiti ta' ħtieġa u proporzjonalità jenħtieġ li jiġu definiti mid-dritt internazzjonali, tal-Unjoni u nazzjonali, u b'mod partikolari mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
- (10) Jenħtieġ li jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiġi evitata d-deanonimizzazzjoni u d-depsewdonimizzazzjoni iżda jista' jseħħ li *d-data* tista' tiġi żvelata minħabba riċerka u divulgazzjoni addizzjonali tad-*data* barra mill-kontroll tal-Kummissjoni. F'każijiet bħal dawn, id-*data* jenħtieġ li titqies bħala *data* personali u jenħtieġ li japplikaw ir-Regolamenti (UE) 2016/679⁶ u (UE) 2018/1725⁷ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Tinġabar *data* dwar azjendi agrikoli, mingħajr ma titqies is-sjeda ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi. Għalhekk, il-garanziji tal-protezzjoni tad-*data* jenħtieġ li jiġu estiżi għall-persuni ġuridiċi. Barra minn hekk, fir-rigward tal-iżvilupp, tal-produzzjoni u tat-tixrid tal-istatistika Ewropea, jenħtieġ li jiġu rrispettati l-prinċipji tar-Regolament (KE) 223/2009⁸.
- (11) Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-*data*, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dettaljati dwar il-ġestjoni tad-*data*. Għalhekk, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati li jissupplimentaw l-elementi mhux essenzjali tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 biex tinkludi fih ir-regoli dwar il-proċess tal-ġestjoni tad-*data*, b'mod partikolari l-ID tal-azjendi agrikoli, il-ħżin tad-*data*, il-kwalità u l-validazzjoni tad-*data*, l-użu tad-*data*, l-aċċess għad-*data* primarja u t-trażmissjoni tagħha, l-ipproċessar ta' *data* primarja, il-kombinazzjoni ta' *data* ma' sorsi oħra tad-*data*,

⁶ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

⁷ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

⁸ Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

proċedura biex tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' *data* dettaljata u aggregata, sistemi kompatibbli ta' ħżin u skambju ta' *data*, rieżami tar-rifjut li tiġi pprovduta *data*, obbligi għall-utenti finali ta' *data* xjentifika u partijiet interessati oħrajn.

- (12) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħat ta' implimentazzjoni biex tadotta atti ta' implimentazzjoni dwar il-ġestjoni speċifika ta' sħarriġ regolari u speċjali, kif ukoll fir-rigward ta' regoli speċifiċi dwar il-protezzjoni tad-*data*.
- (13) Bl-ambitu estiż tal-FSDN, huwa meħtieġ li r-regoli dwar il-baġit jiġu adattati, inkluża ġestjoni differenzjata għal sħarriġ regolari u speċjali. Il-baġit tal-Unjoni jenħtieġ li jiffinanzja l-istabbiliment u l-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-Istati Membri biex jallinjawh mal-ambitu u l-ġestjoni riveduti tal-FSDN. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu allokkazzjoni relatata mal-valur standard tal-output tal-azjenda agrikola. L-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jistabbilixxu inċentivi għall-parteċipazzjoni tal-bdiewa fin-network tad-*data*, bħal kontribuzzjoni finanzjarja, feedback dwar il-prestazzjoni tal-azjendi agrikoli b'enfasi fuq it-titjib ta' prattiki tal-biedja sostenibbli, jew parir immirat ibbażat fuq informazzjoni tal-FSDN.
- (14) Meta wieħed iqis li xi Stati Membri jiffaċċjaw problemi bil-parteċipazzjoni tal-bdiewa fin-network tad-*data*, xi wħud minnhom diġà inkludew is-sistema tal-FADN skont l-istatistika nazzjonali li tipprovdi obbligu għall-bdiewa biex jipprovdu l-informazzjoni mitluba. Meta jintgħażlu bħala azjenda prospettanti, il-bdiewa jenħtieġ li jipprovdu d-*data*; jenħtieġ li jkun possibbli għall-Istati Membri li jadottaw regoli nazzjonali biex jindirizzaw każijiet ta' azjendi prospettanti li ma jikkonformawx ma' tali obbligu.
- (15) L-isem tal-Kumitat għan-Network dwar Informazzjoni tal-Kontabilità Agrikola jenħtieġ li jiġi mmodifikat biex jirrifletti l-bidliet fir-Regolament attwali. Madankollu, il-Kumitat attwali jenħtieġ li jibqa' eżistenti bl-istess funzjonijiet, filwaqt li jadatta għall-ambitu l-ġdid tan-network tad-*data*.

(16) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 1217/2009 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1217/2009 huwa emendat kif ġej:

(1) it-titolu tar-Regolament huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi network għall-ġbir ta' *data* dwar is-sostenibbiltà ta' azjendi agrikoli fl-Unjoni”;

(2) it-titolu tal-Kapitolu I huwa sostitwit b'dan li ġej:

“ĦOLQIEN TA' NETWORK TAL-UNJONI TAD-*DATA* DWAR IS-SOSTENIBBILTÀ TAL-AZJENDI AGRIKOLI”;

(3) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 1

1. Qed jiġi stabbilit network tal-Unjoni tad-*data* dwar is-sostenibbiltà tal-azjendi agrikoli (“FSDN” jew “network tad-*data*”) biex tinġabar *data* ekonomika, ambjentali u soċjali fil-livell tal-azjendi agrikoli.
2. Id-*data* miksuba skont dan ir-Regolament għandha tikkontribwixxi għall-valutazzjoni tas-sostenibbiltà tal-agrikoltura tal-UE.
3. Id-*data* tal-FSDN għandha tkun disponibbli għall-pubbliku b’mod konsistenti mal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u mar-Regolamenti (UE) 2016/679* u 2018/1725**.
4. Fejn rilevanti, l-ipproċessar, il-ġestjoni u l-użu tad-*data* miġbura skont dan ir-Regolament għandhom jikkonformaw mar-Regolamenti (UE) 2016/679, (UE) 2018/1725 u (KE) 223/2009***.”;

* Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta’ April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ data personali u dwar il-moviment liberu ta’ tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

** Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta’ persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta’ tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

*** Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta’ data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).’;

- (4) L-Artikolu 2 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Artikolu 2

Għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) “bidwi” tfisser il-persuna fiżika responsabbli għat-tmexxija ta’ kuljum ta’ azjenda agrikola;
- (b) “azjenda” tfisser negozju agrikolu, f’konformità mal-użu ġenerali fil-kuntest ta’ sħarriġ u ċensimenti agrikoli tal-Unjoni;
- (c) “kategorija tal-azjenda” tfisser grupp ta’ azjendi agrikoli li jappartjenu għall-istess kategoriji, f’dak li għandu x’jaqsam mat-tip ta’ biedja u d-daqs ekonomiku kif definiti fit-tipoloġija tal-Unjoni għall-azjendi agrikoli definiti fl-Artikolu 5b;

- (d) “prospett tal-azjendi agrikoli” tfisser il-kwestjonarju mimli bid-*data* ta’ azjenda agrikola skont il-metodoloġija komuni tal-FSDN;
- (e) “azjenda prospettanti” tfisser kwalunkwe azjenda agrikola li tagħmel prospetti tal-azjendi agrikoli għall-finijiet tan-network tad-*data*;
- (f) “diviżjoni tan-Network tad-*Data* dwar is-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli” jew “diviżjoni tal-FSDN” tfisser it-territorju ta’ Stat Membru, jew kwalunkwe parti minnu, delimitat bl-għan li jintgħażlu l-azjendi agrikoli prospettanti;
- (g) “*data* tal-FSDN” tfisser *data* ekonomika, ambjentali u soċjali fil-livell tal-azjendi agrikoli relatata ma’ azjendi agrikoli derivati minn kontijiet, u/jew minn sorsi oħra tad-*data* miġbura sistematikament u regolamentarment;
- (h) “output standard” tfisser il-valur standard ta’ produzzjoni grossa;
- (i) “*data* personali” tfisser *data* personali kif definita fir-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725, li madankollu testendi l-protezzjoni għall-interessi leġittimi tal-bdiewa li huma persuni ġuridiċi;
- (j) “ID tal-azjenda agrikola” tfisser in-numru ta’ identifikazzjoni uniku għal azjenda individwali, fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data* skont dan ir-Regolament;
- (k) “*data* tal-ipproċessar” tfisser kwalunkwe operazzjoni jew sett ta’ operazzjonijiet li jitwettqu fuq id-*data* ta’ persuni, skont l-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) 2018/1725;
- (l) “*data* primarja” tfisser *data* assoċjata ma’ azjendi agrikoli individwali, persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew kampjuni individwali;
- (m) “metadata” tfisser *data* li tagħti informazzjoni kwalitattiva u kwantittativa dwar id-*data* primarja miġbura;
- (n) “*data* anomizzata” tfisser *data* bbażata fuq *data* primarja f’forma li ma tippermettix li jiġu identifikati persuni fiżiċi jew ġuridiċi b’mod dirett jew indirett;
- (o) “*data* psewdonimizzata” tfisser *data* personali li ma tkunx tista’ tibqa’ tiġi attribwita għal suġġett speċifiku mingħajr l-użu ta’ informazzjoni addizzjonali, dment li tali informazzjoni addizzjonali tinżamm separatament u tkun soġġetta għal miżuri tekniċi u organizzattivi biex jiġi żgurat li d-*data* personali ma tiġix attribwita lil persuna fiżika jew ġuridika identifikata jew identifikabbli;
- (p) “*data* aggregata” tfisser l-output li jirriżulta mis-sinteżi tad-*data* primarja jew dettaljata għal finijiet analitiċi speċifiċi.”;
- (5) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

“Artikolu 2a

Lista tad-diviżjonijiet tal-FSDN hija stabbilita fl-Anness I.”;

- (6) fl-Artikolu 3, it-terminu “FADN” huwa sostitwit b’“FSDN”;

(7) it-titolu tal-Kapitolu II huwa sostitwit b'dan li ġejj:

“*DATA* GĦAD-DETERMINAZZJONI TAL-INTROJTU TA' AZJENDI AGRIKOLI U L-ĠBIR TA' INFORMAZZJONI OĦRA DWAR IS-SOSTENIBBILTÀ”;

(8) L-Artikolu 4 huwa sostitwit b'dan li ġejj:

“Artikolu 4

1. Dan il-Kapitolu għandu japplika għall-ġbir ta' *data* dwar il-kontabilità u *data* oħra dwar is-sostenibbiltà. Id-*data* tal-FSDN għandha tinġabar permezz ta' sħarriġ regolari u speċjali.

2. L-awtorità kompetenti għall-FSDN tista' tuża sorsi oħra tad-*data* sabiex tiġbor u tuża mill-ġdid id-*data* biex tikkontribwixxi għall-istħarriġ tal-FSDN.

3. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 19a li jissupplimentaw dan ir-Regolament bir-regoli dwar il-proċess tal-ġestjoni tad-*data*, b'mod partikolari l-ID tal-azjendi agrikoli, il-ħżin tad-*data*, il-kwalità u l-validazzjoni tad-*data*, l-użu tad-*data*, l-aċċess għad-*data* primarja u t-trażmissjoni tagħha, l-ipproċessar ta' *data* primarja, il-kombinazzjoni ta' *data* ma' sorsi oħra tad-*data*, proċedura biex tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' *data* dettaljata u aggregata, sistemi kompatibbli ta' ħżin u skambju ta' *data*, rieżami tar-rifjut li tiġi pprovduta *data*, obbligi għall-utenti finali ta' *data* xjentifika u partijiet interessati oħrajn.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jstabbilixxu u jaġġornaw il-forma u l-kontenut ta' sħarriġ regolari u speċjali komuni kif ukoll il-metodi u r-rekwiżiti għall-użu mill-ġdid u l-kondiviżjoni tad-*data*. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 19b(2).”;

(9) L-Artikolu 5 huwa sostitwit b'dan li ġejj:

“Artikolu 5

1. Il-qasam tal-istħarriġ għandu jkopri l-azjendi agrikoli li għandhom daqs ekonomiku ekwivalenti għal jew ikbar mil-livell limitu espress f'euro li jikkorrispondi għal wieħed mil-limiti iktar baxxi tal-klassijiet ta' daqs ekonomiku tat-tipoloġija tal-Unjoni għall-azjendi agrikoli definiti fl-Artikolu 5b.

Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 19a, li jissupplimentaw dan ir-Regolament b'regoli dwar l-istabbiliment tal-livell limitu msemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

Il-Kummissjoni għandha tadotta, abbażi tad-*data* li tirċievi mill-Istati Membri, atti ta' implimentazzjoni li jstabbilixxu l-livell limitu msemmi fl-ewwel subparagrafu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 19b(2).

2. Biex tikkwalifika bħala azjenda prospettanti, azjenda agrikola għandha:

- (a) tkun koperta mill-qasam tal-istħarriġ imsemmi fil-paragrafu 1;
- (b) tkun rappreżentattiva, flimkien mal-azjendi l-oħra u fil-livell ta' kull diviżjoni tal-FSDN, tal-qasam tal-istħarriġ.
3. Azjenda agrikola li tikkwalifika bħala azjenda prospettanti fil-pjan għall-għażla tal-azjendi prospettanti għandha tipprovdi *d-data* mitluba.
4. L-Istati Membri jistgħu jadottaw regoli nazzjonali biex jindirizzaw każijiet possibbli ta' nuqqas ta' konformità mal-paragrafu 3.”;
- (10) L-Artikolu 5a huwa emendat kif ġej:
- (a) l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “Kull Stat Membru għandu jfassal pjan għall-għażla tal-azjendi prospettanti li jiżgura kampjun rappreżentattiv tal-qasam tal-istħarriġ, inkluż kemm stħarriġ regolari kif ukoll, fejn rilevanti, stħarriġ speċjali.”;
- (b) fil-paragrafi 2 u 3, it-terminu “FADN” huwa sostitwit b’“FSDN”;
- (11) fl-Artikolu 5b, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’ dan li ġej:
- “1. L-azjendi agrikoli għandhom jiġu kklassifikati b’mod uniformi skont it-tipoloġija tal-Unjoni għall-azjendi agrikoli, bħal skont it-tip ta’ biedja, id-daqs ekonomiku tagħhom u l-importanza ta’ attivitajiet oħra ta’ profitt marbuta direttament magħhom.
- It-tipoloġija għall-azjendi agrikoli għandha tintuża b’mod partikolari għall-preżentazzjoni, skont it-tip ta’ biedja u skont il-klassi tad-daqs ekonomiku, tad-*data* miġbura permezz tal-istħarriġ tal-Unjoni dwar l-istruttura tal-azjendi agrikoli u l-FSDN.”;
- (12) L-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:
- (a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’ dan li ġej:
- “1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi kumitat nazzjonali għan-network tad-*data* (minn hawn ‘il quddiem imsejjaħ ‘il-Kumitat Nazzjonali’).”;
- (b) fil-paragrafu 4, it-terminu “FADN” huwa sostitwit b’“FSDN”;
- (13) fl-Artikolu 7, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’ dan li ġej:
- “1. Kull Stat Membru għandu jaħtar aġenzija ta’ kollegament li l-kompiti tagħha għandhom ikunu:
- (a) li tinforma lill-Kumitat Nazzjonali, lill-Kumitati Reġjonali u lil dawk li jiġbru *d-data* bħall-uffiċċji tal-kontabilità dwar il-qafas regolatorju applikabbli u biex jiżguraw l-implimentazzjoni xierqa tiegħu;

(b) li tfassal il-pjan għall-għażla tal-azjendi prospettanti, biex tippreżentah lill-Kumitat Nazzjonali għall-approvazzjoni tiegħu, u, wara dan, tgħaddih lill-Kummissjoni;

(c) li tikkompila:

(i) il-lista tal-azjendi prospettanti;

(ii) fejn applikabbli, il-lista ta' dawk li jiġbru *d-data* li jistgħu jimlew il-prospetti tal-azjendi agrikoli;

(d) li tipproduċi l-prospetti tal-azjendi agrikoli mibgħuta lilha minn dawk li jiġbru *d-data*, inkluż minn *data* miġbura minn sorsi oħra tad-*data*;

(e) li tivverifika li l-prospetti tal-azjendi agrikoli mtlew kif xieraq;

(f) li tgħaddi l-prospetti tal-azjendi agrikoli mimlija kif xieraq lill-Kummissjoni fil-forma meħtieġa u fi żmien l-iskadenza stabbilita;

(g) li tgħaddi t-talbiet għal informazzjoni previsti fl-Artikolu 17 lill-Kumitat Nazzjonali, lill-Kumitati Reġjonali u lil dawk li jiġbru *d-data* u li tgħaddi t-tweġibiet rilevanti lill-Kummissjoni;

(h) li tagħmel disponibbli r-riżultati miksuba għall-għoti ta' pariri u feedback lill-bdiewa dwar il-prestazzjoni tas-sostenibbiltà tagħhom.”;

(14) L-Artikolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 8

1. Kull azjenda prospettanti għandha tkun is-suġġett ta' prospett individwali tal-azjendi agrikoli u tiġi identifikata minn ID tal-azjendi agrikoli.

2. Id-*data* pprovduta minn kull prospett tal-azjendi agrikoli mimli kif xieraq għandha tkun b'tali mod li jkun possibbli li:

(a) li tiġi karatterizzata l-azjenda prospettanti b'referenza għall-elementi prinċipali tal-fatturi tal-produzzjoni tagħha;

(b) li tiġi vvalutat l-introjtu tal-azjenda fid-diversi forom tagħha;

(c) li tiġi vvalutata s-sostenibbiltà ekonomika, ambjentali u soċjali tal-azjenda;

(d) li tiġi ttestjata, permezz ta' verifiki fuq il-post, il-verità tal-informazzjoni mogħtija.

3. Id-*data* fuq il-prospett tal-azjendi agrikoli għandha tkun marbuta ma' azjenda agrikola waħda u ma' sena ta' rappurtar waħda ta' 12-il xahar konsekuttiv, u għandha tikkonċerna esklużivament dik l-azjenda agrikola. Dik id-*data* għandha tirreferi għall-attivitajiet agrikoli tal-azjenda nnifisha u għal aktivitajiet oħra ta' profitt relatati direttament mal-azjenda.

4. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 19a, li jissupplimentaw dan ir-Regolament bir-regoli sabiex jiġu ddeterminati l-gruppi ewlenin ta' *data* li għandha tinġabar u r-regoli ġenerali għall-ġbir ta' *data*.

5. Sabiex jiġi żgurat li d-*data* miġbura permezz tal-prospetti tal-azjendi agrikoli tkun komparabbli, irrispettivament mill-azjendi prospettanti mistħarrġa, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-forma u t-tqassim tal-prospett tal-azjendi agrikoli u l-metodi u l-iskadenzi għat-trażmissjoni tad-*data* lill-Kummissjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 19b(2).”;

(15) L-Artikolu 16 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 16

1. Għandu jkun ipprojbit li tintuża għall-finijiet ta' taxxa xi *data* individwali jew dettalji individwali oħra miksuba fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

2. *Data* individwali anonimizzata jew psewdonimizzata tista' tiġi kondiviża mill-Kummissjoni jew minn aġenziji ta' kollegament għall-finijiet stabbiliti fl-Artikolu 1, dment li tiġi evitata l-identifikazzjoni ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi.”;

(16) fl-Artikolu 17, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Il-Kumitat Nazzjonali, il-Kumitati Reġjonali, l-aġenzija ta' kollegament u dawk li jiġbru d-*data* għandhom ikunu marbuta, fl-oqsma tar-reponsabbiltajiet rispettivi tagħhom, li jfornu lill-Kummissjoni kull informazzjoni li din tal-aħħar tista' titlob mingħandhom rigward it-twettiq tad-doveri tagħhom skont dan ir-Regolament.

Tali talbiet għal informazzjoni li jsiru lill-Kumitat Nazzjonali, lill-Kumitati Reġjonali jew lil dawk li jiġbru *data* u t-tweġibiet rilevanti għandhom jintbagħtu bil-kitba permezz tal-aġenzija ta' kollegament.”;

(17) L-Artikolu 19 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 19

1. Approprijazzjonijiet li għandhom ikunu inklużi fil-baġit ġenerali tal-Unjoni, fit-taqsim tal-Kummissjoni, għandhom ikopru:

(a) għal sħarriġ regolari: tariffa standard pagabbli lill-Istati Membri għall-preżentazzjoni ta' prospetti tal-azjendi agrikoli mimlija kif xieraq fi ħdan l-iskadenza stabbilita sal-għadd massimu ta' azjendi agrikoli prospettanti kif stabbilit f'konformità mal-Artikolu 5a(2). Fejn l-għadd totali ta' prospetti tal-azjendi agrikoli mimlija u ppreżentati kif xieraq fir-rigward ta' diviżjoni tal-FSDN jew Stat Membru jkun inqas minn 80 % tal-għadd ta' azjendi agrikoli prospettanti stabbiliti għal dik id-diviżjoni tal-FSDN jew għall-Istat Membru kkonċernat,

għandha tiġi applikata tariffa ugwali għal 50 % tat-tariffa standard għal kull prospett tal-azjendi agrikoli minn dik id-diviżjoni tal-FSDN jew mill-Istat Membru kkonċernat;

(b) għal sħarriġ speċjali: tariffa standard pagabbli lill-Istati Membri għall-preżentazzjoni ta' prospetti tal-azjendi agrikoli mimlija kif xieraq fi ħdan l-iskadenza stabbilita sal-għadd massimu ta' azjendi agrikoli prospettanti kif stabbilit f'konformità mal-Artikolu 5a(2). Fejn l-għadd totali ta' prospetti tal-azjendi agrikoli mimlija u ppreżentati kif xieraq fir-rigward ta' diviżjoni tal-FSDN jew Stat Membru jkun inqas minn 80 % tal-għadd ta' azjendi agrikoli prospettanti stabbiliti għal dik id-diviżjoni tal-FSDN jew għall-Istat Membru kkonċernat, għandha tiġi applikata tariffa ugwali għal 50 % tat-tariffa standard għal kull prospett tal-azjendi agrikoli minn dik id-diviżjoni tal-FSDN jew mill-Istat Membru kkonċernat;

(c) il-kostijiet kollha tas-sistemi kompjuterizzati operati mill-Kummissjoni għat-tħaddim u l-iżvilupp tan-network, ir-riċeviment, il-verifika, l-ipproċessar, l-interoperabbiltà, l-analiżi, tad-data fornuta mill-Istati Membri. Dawn il-kostijiet jinkludu, fejn xieraq, il-kostijiet għat-tixrid tar-riżultati ta' dawk l-operazzjonijiet u l-kostijiet ta' studji dwar aspetti oħra tan-network tad-data u l-iżvilupp tagħhom.

2. Il-kostijiet fir-rigward tal-istabbiliment u l-ħidma tal-Kumitat Nazzjonali, il-Kumitati Reġjonali u l-aġenziji ta' kollegament ma għandhomx jiġu inklużi fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

3. L-Unjoni tista' tipprova wkoll kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-baġit ġenerali tal-Unjoni lill-Istati Membri, sabiex tkopri l-kostijiet tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament meta l-istabbiliment tas-sistema għall-ġbir tal-varjabbli ambjentali u soċjali addizzjonali, inklużi t-taħriġ u l-interoperabbiltà bejn is-sistemi tal-ġbir ta' data, ikun jeħtieġ adattamenti sinifikanti fis-sistema nazzjonali ta' ġbir ta' data tal-FADN ta' Stat Membru.

4. It-tariffa standard pagabbli lill-Istati Membri tista' titħallas parzjalment jew kompletament lill-bdiewa għall-parteċipazzjoni tagħhom fl-istħarriġ tal-FSDN. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu koeffiċjent tal-allokazzjoni speċifiku fejn parti mill-ammont jew l-ammont kollu mħallas lill-bdiewa parteċipanti jkun funzjoni tal-valur tal-output standard tal-azjenda agrikola.

5. L-Istati Membri jistgħu jiddefinixxu u jipprovdu inċentivi għall-parteċipazzjoni tal-bdiewa fl-istħarriġ tal-FSDN.

6. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-proċeduri dettaljati fir-rigward tat-tariffa standard imsemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) u (b), u l-adattamenti għas-sistema tal-ġbir ta' data msemmija fil-paragrafu 3. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 19b(2).”;

(18) L-Artikolu 19a huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Is-setgħa li jiġu adottati atti delegati msemmija fl-Artikolu 3 u l-Artikoli 4(3), 5(1), 5a(1), 5b(2) u (3) u 8(3) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta’ ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta’ setgħat mhux iktar tard minn disa’ xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta’ ħames snin. Id-delega ta’ setgħat għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta’ żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta’ kull perjodu.”;

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“3. Id-delega ta’ setgħat imsemmija fl-Artikolu 3 u fl-Artikoli 4(3), 5(1), 5a(1), 5b(2) u (3) u l-Artikolu 8(3) tista’ tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjem id-delega ta’ setgħat speċifikata f’dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f’data aktar tard speċifikata fih. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta’ kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.”;

(c) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 3 u l-Artikoli 4(3), 5(1), 5a(1), 5b(2) u (3) u l-Artikolu 8(3) għandu jidhul fis-seħħ biss jekk ma tkunx ġiet espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f’perjodu ta’ xahrejn min-notifika ta’ dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li ma humiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b’xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill. “;

(19) fl-Artikolu 19b,

il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat imsejjaħ “Kumitat għan-Network tad-Data dwar is-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli”. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹.

(20) L-Anness I huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta’ dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⁹ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta’ kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta’ implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew
Il-President*

*Għall-Kunsill
Il-President*